PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0266(CNS)

6.3.2009

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet marbuta mal-obbligi tal-manteniment
(COM(2008)0894 – C6-0035/2009 – 2008/0266(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Gérard Deprez

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 19

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet marbuta mal-obbligi tal-manteniment (COM(2008)0894 – C6-0035/2009 – 2008/0266(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0894),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 61(c), 65, 67(2) u 67(5) tat-Trattat KE, skont liema artikolu l-Kunsill kkonsulta lill-Parlament (C6-0035/2009),

– wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 8

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
(8) Hija meħtieġa valutazzjoni dwar jekk ***attwalment*** hemmx biżżejjed interess Komunitarju fir-rigward li l-ftehimiet bilaterali kollha, eżistenti jew proposti,	(8) Hija meħtieġa valutazzjoni dwar jekk hemmx biżżejjed interess Komunitarju fir-rigward li l-ftehimiet bilaterali kollha, eżistenti jew proposti, bejn Stati Membri u

bejn Stati Membri u pajjiżi terzi jinbidlu bi ftehimiet Komunitarji. ***Konsegwentement, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura b'żewġ għanijiet. L-ewwel wieħed huwa li l-Komunità tkun*** tista' tivvaluta jekk hemmx interess Komunitarju ***suffiċjenti*** fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehim ***bilaterali partikolari***. ***It-tieni huwa li*** l-Istati Membri jiġu ***awtorizzati*** jikkonkludu l-ftehim inkwistjoni ***jekk ma hemm l-ebda interess Komunitarju attwali fir-rigward tal-konklużjoni ta' tali ftehim***.	pajjiżi terzi jinbidlu bi ftehimiet Komunitarji. ***Il-Kummissjoni għandha*** tevalwa jekk hemmx interess tal-Komunità fil-konklużjoni ta' ftehim ***bejn il-Komunità u pajjiż terz. Jekk dan mhuwiex il-każ*** l-Istati Membri ***għandhom jiġu awtorizzati*** biex jikkonkludu l-ftehim inkwistjoni.
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 9

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
(9) ***Għandha tiġi stabbilita proċedura trasparenti li tawtorizza*** lill-Istati Membri biex jemendaw il-ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi jew li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet ġodda f'ċirkostanzi eċċezzjonali, partikolarment fejn il-Komunità nfisha ma indikatx l-intenzjoni tagħha li teżerċita l-kompetenzi esterni tagħha biex tikkonkludi l-ftehim. Din il-proċedura hija bħala ħsara għall-kompetenza esklussiva tal-Komunità u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat ***KE***. ***Peress illi tidderoga mir-regola illi l-Komunità hija esklussivament kompetenti sabiex tikkonkludi ftehimiet internazzjonali dwar dawn il-kwistjonijiet, din il-proċedura għandha tiġi meqjusa bħala miżura eċċezzjonali u għandha tiġi limitata fl-ambitu u fiż-żmien.***	(9) ***Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi kriterji u kundizzjonijiet speċifiċi għall-proċedura li tawtorizza*** lill-Istati Membri biex jemendaw il-ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi jew li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet ġodda f'ċirkostanzi eċċezzjonali, partikolarment fejn il-Komunità nfisha ma indikatx l-intenzjoni tagħha li teżerċita l-kompetenzi esterni tagħha biex tikkonkludi l-ftehim. Din il-proċedura hija bħala ħsara għall-kompetenza esklussiva tal-Komunità u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9 a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	(9a) Kriterji u kundizzjonijiet ta' dan it-tip għandhom jiżguraw bilanċ bejn, min-naħa l-waħda l-interess tal-Komunità, u min-naħa l-oħra l-interess speċifiku tal-Istat Membru u ma għandhomx iwasslu biex il-liġi tal-Komunità titlef l-effettività tagħha jew ikun ipperikolat l-operat xieraq tas-sistema stabbilita bir-regoli tagħha.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9 b (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	(9b) Hekk kif il-proċedura tikkostitwixxi deroga mir-regoli dwar il-kompetenza esklussiva tal-Komunità biex jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, din għandha titqies bħala miżura eċċezzjonali u għandha għalhekk tkun limitata fl-ambitu u fiż-żmien.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 9 c (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	(9c) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi strateġija u tiddefinixxi prijoritajiet bil-għan li tiżviluppa r-relazzjonijiet esterni tal-Komunità fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-liġi ċivili u kummerċjali, skont il-linji gwida li l-Kunsill Ewropew jista' jadotta fil-ġejjieni.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 10

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
(10) Ir-Regolament preżenti għandu jkun limitat għal ftehimiet li ***jikkonċernaw relatati*** mal-oqsma tal-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment u l-liġi applikabbli fi kwistjonijeit dwar l-obbligi tal-manteniment.	(10) Ir-Regolament preżenti għandu jkun limitat għal ftehimiet li ***jikkonċernaw kwistjonijiet*** relatati mal-oqsma tal-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment u l-liġi applikabbli fi kwistjonijeit dwar l-obbligi tal-manteniment.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 11

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat illi l-ftehimiet	(11) Sabiex jiġi żgurat illi l-ftehimiet

propost mill-Istat membru ma jrendix id-dritt Komunitarju ineffettiv u ma jikkompromettix il-funzjonament tas-sistema stabbilita mir-regoli tagħha, l-awtorizzazzjoni għandha tkun meħtieġa kemm biex jinbdew in-negozjati kif ukoll sabiex jitkomplew u jiġi konkluż il-ftehim. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni li *tivvalita* l-impatt mistenni tal-eżitu (possibbli) tan-negozjati fuq id-dritt Komunitarju. ***Fil-każi relevanti***, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjar jew titlob l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari fil-ftehimiet proposti.	propost mill-Istat membru ma jrendix id-dritt Komunitarju ineffettiv u ma jikkompromettix il-funzjonament tas-sistema stabbilita mir-regoli tagħha, l-awtorizzazzjoni għandha tkun meħtieġa kemm biex jinbdew in-negozjati kif ukoll sabiex jitkomplew u jiġi konkluż il-ftehim. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni li tivvaluta l-impatt mistenni tal-eżitu (possibbli) tan-negozjati fuq id-dritt Komunitarju. Il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjati jew titlob li l-ftehimiet proposti jinkludu klawsoli partikolari fil-ftehimiet proposti

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 14

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
(14) Il-miżuri meħtieġa sabiex dan ir-Regolament ikun implimentat għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura li tawtorizza Stat Membru sabiex jemenda ftehim bilaterali ***eżistenti***	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura li tawtorizza Stat Membru sabiex jemenda ftehim bilaterali bejn Stat

bejn Stat Membru u pajjiż terz, jew sabiex jinnegozja u jikkonkludi ftehim bilaterali ġdid suġġett għall-kondizzjonjiet stipulati fid-dispożizzjonjiet li ġejjin:	Membru u pajjiż terz, jew sabiex jinnegozja u jikkonkludi ftehim bilaterali ġdid suġġett għall-kondizzjonjiet stipulati fid-dispożizzjonjiet li ġejjin.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. Ir-Regolament għandu japplika għal ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi ***dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru*** l-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet marbuta mal-obbligi tal-manteniment	2. Ir-Regolament għandu japplika għal ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet marbuta mal-obbligi tal-manteniment

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. Fejn Stat Membru bi ħsiebu jiftaħ negozjati ma' pajjiż terz biex jemenda ftehim eżistenti jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar ***l-intenzjoni tiegħu bil-miktub***.	1. Fejn Stat Membru bi ħsiebu jiftaħ negozjati ma' pajjiż terz biex jemenda ftehim eżistenti jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar ***l-applikazzjoni tiegħu permezz ta' ittra jew b'mezzi elettroniċi***.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Wara*** n-notifika, l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar jekk l-Istat Membru jistax jissokta n-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat. Jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet xi ftehim dwar l-istess suġġetti mal-pajjiż terz ikkonċernat, l-applikazzjoni tal-Istat Membru tiġi awtomatikament miċħuda mill-Kummissjoni.	1. ***Wara li tkun waslet in-***notifika, l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar jekk l-Istat Membru jistax jissokta n-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat, ***b'kunsiderazzjoni xierqa għall-fatt li d-derogi mill-kompetenza esterna esklussiva tal-Komunità għandhom jibqgħu eċċezzjonali u limitati fl-ambitu u fiż-żmien.*** Jekk il-Komunità tkun diġà kkonkludiet xi ftehim dwar l-istess suġġetti mal-pajjiż terz ikkonċernat, l-applikazzjoni tal-Istat Membru tiġi awtomatikament miċħuda mill-Kummissjoni. ***Jekk il-Kummissjoni tqis lil hemm interess min-naħa tal-Komunità biex tikkonkludi ftehim bejn il-Komunità u pajjiż terz, hija għandha wkoll tirrifjuta l-applikazzjoni.***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. Jekk il-Kummissjoni ***ma tkunx għada ffirmat*** ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha, meta tagħmel l-evalwazzjoni tagħha, teżamina ***l-ewwel*** jekk huwiex ***mistenni*** xi ftehim Komunitarju relevanti mal-pajjiż terz ***ikkonċernat fil-futur qarib***. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni ***tista' tagħti l-approvazzjoni tagħha, sakemm*** jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:	2. Jekk ***ma jkunx hemm l-interess tal-***Komunità ***u jekk ma jkunx hemm*** ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha twettaq verifika ta' valutazzjoni dwar jekk il-ftehim Komunitarju relevanti mal-pajjiż terz ikkonċernat ***huwiex speċifikament mistenni fi żmien sentejn.*** Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni ***għandha tivverifika*** li jiġu sodisfatti ***t-tliet***

kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
(a) l-Istat Membru kkonċernat jkun wera li ***hemm*** interess speċifiku fil-konklużjoni tal-Ftehim bilaterali ***settorjali*** mal-pajjiż terz, relatat b'mod partikolari ***mal-eżistenza*** ta' rabtiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali jew storiċi bejn l-Istat Membru u dak il-pajjiż terz; ***kif ukoll:***	(a) l-Istat Membru kkonċernat jkun wera li ***għandu*** interess speċifiku li jikkonkludi l-Ftehim bilaterali mal-pajjiż terz, relatat b'mod partikolari mar-rabtiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali jew storiċi bejn l-Istat Membru u dak il-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
(b) ***il-Kummissjoni tiddeċiedi li*** l-ftehim propost iħalli ***impatt limitat*** fuq l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli Komunitarji fis-seħħ ***u fuq l-iffunzjonar xieraq tas-sistema stabbilita minn dawk ir-regoli.***	(b) il-ftehim propost ***ma jħallix impatt sinifikanti*** fuq l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli Komunitarji fis-seħħ; ***kif ukoll***

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	(ba) il-konklużjoni tal-ftehim propost ma twassalx biex il-liġi Komunitarja titlef l-effettività tagħha jew ikun ipperikolat l-operat xieraq tas-sistema stabbilita bir-regoli tal-Komunità.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 5 - paragrafu 1 - subparagrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. Jekk il-Kummissjoni ***tikkonkludi li m'hemm l-ebda ostaklu għall-ftehim fid-dawl tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4, hija tista'*** tawtorizza lil Stat Membru biex jiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjati u tista' titlob l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari fil-ftehim propost.	1. Jekk ***il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) jiġu sodisfatti,*** il-Kummissjoni ***għandha tawtorizza lill-Istat*** Membru sabiex jiftaħ in-negozjati ***dwar il-ftehim*** mal-pajjiż terz ikkonċernat. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida għan-negozjati u tista' titlob l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari fil-ftehim propost.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	(2a) Il-ftehim għandu jkun fih klawsola li tippermetti t-tibdil awtomatiku tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha u l-

pajjiż terz dwar l-istess suġġett.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 5 - paragrafu 3 - subparagrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 5 - paragrafu 3 - subparagrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.	Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni ***motivata*** tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. ***Wara*** n-notifika l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar jekk il-ftehim innegozjat hux konformi mal-valutazzjoni	2. ***Wara li tkun waslet in-notifika*** l-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar jekk il-ftehim innegozjat hux

inizjali. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni ulterjuri l-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-ftehim propost jinkludix ir-rekwiżiti li saru mill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-inklużjoni tal-klawsoli msemmija fl-Artikolu 5(1) u jekk il-konklużjoni tal-ftehim propost *iwassalsx* biex id-dritt Komunitarju jispiċċa mingħajr effett u jimmina l-iffunzjonar xieraq tas-sistema stabbilita mir-regoli tagħha.	konformi mal-valutazzjoni inizjali. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni ulterjuri l-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-ftehim propost jinkludix ir-rekwiżiti li saru mill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-inklużjoni tal-klawżoli msemmija fl-Artikolu 5(1) u jekk il-konklużjoni tal-ftehim propost ***ikollhiex l-interess tal-Komunità jew*** twassalx biex id-dritt Komunitarju isir ineffettiv u jimmina l-iffunzjonar xieraq tas-sistema stabbilita mir-regoli tiegħu.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
4. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li n-negozjati rriżultaw fi ftehim li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru ***jista'*** jingħata l-awtorizzazzjoni li jikkonkludi l-ftehim.	4. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li n-negozjati rriżultaw fi ftehim li jissodisfa r-rekwiżiti ***kollha*** msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru ***għandu*** jingħata l-awtorizzazzjoni li jikkonkludi l-ftehim.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 5 - subparagrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(3).	***imħassar***

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1.	Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni ***motivata*** tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 1.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Proċedura ta' Kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.	
2. Fejn qed issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva stipulata fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, konformi mal-Artikoli 7 tagħha.	
3. Fejn qed issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura amministrattiva stipulata fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, konformi mal-Artikolu 7 tagħha.	
4. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.	

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 8 a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	Artikolu 8a
	1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-ftehimiet kollha kif definit fl-Artikolu 2 li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.
	2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli t-tagħrif notifikat skont il-paragrafu 1 kif ukoll it-tagħrif notifikat skont l-Artikolu 4, għall-Istati Membri u għall-pubbliku billi tippubblikah fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew permezz ta' kwalunkwe mezzi xierqa oħra.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida ***għan-negozjati*** jew l-inklużjoni ta' klawżoli partikolari, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).	Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida jew ***tirrikjedi*** l-inklużjoni ta' klawsoli partikolari, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
Huwa applpikabbli sal-31 ta' Diċembru 2014.	Huwa applpikabbli sal-31 ta' Diċembru 2014 ħlief għall-ftehimiet li jinsabu għaddejjin minn negozjati li għalihom il-Kummissjoni tat l-awtorizzazzjoni ta' ftuħ (f'konformità mal-Artikolu5 (1) iżda li għadhom ma ġewx finalizzati.

Or. fr

NOTA SPJEGATTIVA

Kuntest

Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi rigward ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, responsabilità tal-ġenituri u obbligi ta' manteniment. Skont l-Artikolu 301 tat-Trattat, l-Istati Membri huma meħtieġa li jeliminaw kull inkompatibilità bejn l-aqcuis tal-Komunità u l-ftehim internazzjonali konkluż mill-Istat Membru u l-pajjiż terz.

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkonfermat fl-Opinjoni 1/03 tagħha tas-7 ta' Frar 2006 (Lugano) li l-Komunità akkwistat kompetenzi esterni esklussivi biex tinnegozja u tikkonkludi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi dwar għadd ta' suġġetti importanti msemmija fit-Titolu IV tat-Trattat.

Għalhekk hija l-Komunità li, fuq il-bażi tal-Artikolu 300 tat-Trattat, għandha l-kompetenza li tikkonkludi ftehimiet bħal dawn bejn il-Komunità u pajjiż terz. Għalhekk hemm bżonn ikun hemm evalwazzjoni dwar jekk hemmx biżżejjed interess Komunitarju fir-rigward li l-ftehimiet bilaterali kollha, eżistenti jew proposti, bejn Stati Membri u pajjiżi terzi jinbidlu ma' ftehimiet Komunitarji. Din hija r-raġuni għaliex ġiet stabbilita din il-proċedura. Jekk ma jkunx hemm interess Komunitarju, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jikkonkludu l-ftehimiet.

Analiżi mir-rapporteur

Madankollu r-rapporteur jixtieq jenfasizza li, billi din il-proċedura titlaq mir-regola li hija l-Komunità li tikkonkludi l-ftehimiet, il-proċedura li biha jiġu awtorizzati l-Istati Membri għandha tkun suġġetta għal kundizzjonijiet preċiżi ħafna. Il-mekkaniżmu għandu jkun limitat fl-ambitu u ż-żmien. Ma jistax jiġi applikat meta l-Komunità jkollha biżżejjed interess biex tikkonkludi ftehima speċifika ma' pajjiż terz u m'għandux ifixkel it-tħaddim kif suppost tas-sistema stabbilita mir-regoli tal-Komunità. Ir-rapporteur iqis li huwa kruċjali li minħabba l-koerenza, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi strateġija u tiddefinixxi prijoritajiet bil-għan li tiġi żviluppata politika Komunitarja għar-relazzjonijiet esterni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġuridika fil-liġi ċivili u kummerċjali. Dwar il-proċedura ta' komitoloġija proposta, ir-rapporteur jaħseb li mhijiex xierqa u għalhekk jipproponi li jitħassru dawk ir-referenzi. Hija l-kompetenza tal-Kummissjoni bħala l-'gwardjana tat-Trattat' li tiżgura li l-liġi Komunitarja tkun irrispettata. Din il-kompetenza hija konferita fuqha mit-Trattat u għalhekk ma tikkonċernax każ ta' setgħat implimentattivi (kif previst fl-Artikolu 202 tat-Trattat). Minflok, ir-rapporteur jipproponi sistema ta' notifika (AM 26), kif inhi stipulata wkoll fir-Regolament 1931/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistipula regoli dwar it-traffiku transkonfinali lokali mal-fruntieri tal-art esterni tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Ir-Regolament għandu jkun limitat biż-żmien u applikabbli sal-2014 (apparti l-ftehimiet li attwalment qed jiġu nnegozjati u li għalihom il-Kummissjoni tat l-awtorizzazzjoni li jibdew in-negozjati).